MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2004

Numru 313/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**PETER BORG**

**Illum 13 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Peter Borg ta' 24 il-sena, iben Peter u Mary nee` Farrugia mwieled H'Attard fl-14.11.1979 u joqghod 26 Sqaq l-Gharar B'Kara jew Nru. 7 Sqaq Jannara B'Kara detentur tal-karta tal-Identita` Nru. 557979M gie akkuzat:

Talli fis-6 t'Ottubru 2002, ghall-habta tal-5 p.m., fil-Marsa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Curmi kif iccertifikat mit-Tabib David Fenech M.D., u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U anke talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Susan Micallef nee` Vella, kif iccertifikat mit-Tabib David Fenech, M.D. u dan u bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U oltre talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 20 ta' Jannar, 2000 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex minbarra li tapplika l-piena ta' htija, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. CM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza.

Innutat li l-Prosekuzzjoni iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li in kwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricediva

dina l-akkuza ma tissussistix ghaliex is-Sentenza tal-Qorti esibita bhala Dok. CM5 li tinsab minn fol. 11 sa fol. 13 tal-process li dwarha giet ibbazata din l-akkuza tar-recidiva kienet sabet lill-imputat hati ta' kontravenzjonijiet u s-Sentenza kienet inghatat fl-20 ta' Jannar, 2000 mentri l-kaz odjern sehh fis-6 ta' Ottubru, 2002.

Innutat ukoll li fil-verbal ta' l-istess Seduta Dr. George Cutajar ghall-imputat aderixxa ghal dan.

Inoltre innutat illi l-parte civile Martin Curmi fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta ta' llum qal illi: "Nghid jiena lill-imputat nixtieq nahfirlu u nirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat kull fejn hu rinunzjabbli."

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Illi nkwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda recidiva, wara li qieset dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni in rigward ta' din l-akkuza fil-Verbal tas-Seduta ta' llum u aktar qabel riportat f'din is-Sentenza u wara li ezaminat il-provi prodotti, hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax kif dedotta.

Rat l-artikoli 214, 216 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Peter Borg, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak li xehed il-parte civile Martin Curmi fid-deposizzjoni tieghu aktar qabel riportata f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inkwantu ghat-tielet akkuza tillibera lill-imputat Peter Borg minn din l-akkuza stante li ma tirrizultax kif dedotta.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Peter Borg b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-

ebda mod ma jimmolesta lil Martin Curmi u Susan Micallef nee` Vella ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Peter Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------